Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 6 – L-Erbgħa 5 t'Awwissu 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-5:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

**3.0 Għajnsielemfest 2015**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-programm ta' Għajnsielemfest, taż-żewġ serati u għal fatt li mportanti li waqt il-laqgħa ta' llum jiġi konkluż il-programm u d-deċiżżjonijiet relatati miegħu. Huwa rrefera ghal-fatt li l-Puse & band talbu prezz gholi hafna sar qbil li jkun hemm tibdil fil-programm.

3.2 Għalhekk ghall-ewwel serata, dik tal-Hadd 16 t'Awwissu, il-Kunsill qabel li tkun tinkludi:-

- Kunċert ta' siegħa mill-band Novel għall-prezz ta' €300
- Kunċert ta' nofs siegħa minn Amber għall-prezz ta' €350
- 80's night minn DJ Alex Grech għall-prezz ta' €175
- Preżentatur tas-serata - Lelio Spiteri

3.3 Apparti minn dawn, bħala spejjes hemm ukoll dak tas-Sound, dawl, palk, kiri ta' siġġijiet u mobile toilets.

3.4 Is-Sindku semma' li bħala sound għandna żewg stimi dik tal-Prostage għall-prezz ta' €1100 inkluż il-Vat għaż-żewġ serati u dik tal-Power Sound għal prezz ta' €590 għal kull serata. Il-Kunsillier Larry Buttigieg gibed l-attenzjoni għal fatt li oriġinarjament l-istima tal-Prostage niżlet minn €1500 għal €1100. Is-Sindku Franco Ciangura, spjega kif oriġinarjament ġiet ikkuntatjat Prostage peress li għall tmintax-il sena sħaħ kien hu li ħadem Għajnsielemfest u qatt ma ġie mitlub stimi. Wara li l-istima ġiet għolja u wara laqgħa nformali bejn il-kunsilliera, ġie deċiż li jintalbu aktar stimi. Fil-fatt Prostage reġgħa bgħat stima riveduta peress li ġiet eliminata l-band u ntbagħtet oħra mingħand Powersound. Il-kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li mportanti li mil-lum il-quddiem għall-attivitajiet simili, il-Kunsill għandu jiġbor stimi ibbażati fuq ir-rekwiżiti mitluba mill-Kunsill ħalli min jinteressa ruħu jkun jaf f'hiex jikkonsistu. Il-Kunsill qabel li għal din is-sena għandu jagħżel l-orħos stima, dik tal-Prostage għall-prezz ta' €1100.

3.5 Rigward id-dawl għas-serati, s-soltu jitqabbad Joseph Cutajar u jieħu l-prezz ta'€400 għal serata waħda. Il-Kunsill qabel li għandu jikkuntatjah u jipprova jinnegozja prezz aħjar għaż-żewġ serati.

3.6 Bħala t-tieni serata, dik ta' Għajnsielemfest tradizzjonali, qed jiġu mistiedna dawk kollha li jixtiequ jagħtu d-debut tagħhom. Barra minn hekk bħala mistiedna speċjali ser ikollna lill-J Anvil li minbarra li ser ikanta ser jippreżenta s-serata għall-prezz ta' €200, Destiny, r-rebbieħa tal-Malta Junior Eurovision għall-prezz ta' €120, Deborah C u Albert-Lauren Agius, rebbieħ ta' Malta Sanremo Junior. Sar qbil li għandha tingħata tifkira lill-Albert-Lauren waqt is-serata tal-unur li għamel lill-Għajnsielem permezz tar-rappreżentazzjoni tiegħu f'San Remo Junio u lil Lorenzo Atzori għas-suċċess tiegħu permezz tal-kitba tiegħu fl-okkażżjoni tal-World Book Day 2015. Sar qbil ukoll li tingħata tifkira tal-okkażżjoni lill-parteċipanti kollha.

## 4.0 Delegazzjoni f'Tolfarte 2015

4.1 Waqt il-laqgħa saret laqgħa mal-parteċipanti kollha li ser jagħtu d-debut tagħhom waqt il-festival tant popolari fl-Italja Tolfarte, bħala parti mill-ġemellaġġ li Għajnsielem għandu ma' Tolfa. Bħala delegazzjoni mill-Kunsill ser tkun rapprezentata mill-Viċi Sindku Kevin Cauchi, mis-Segretarja Lucienne Haber u mill-kunsilliera Karen Xuereb u Peter Caruana.

4.2 Waqt il-laqgha ngħata programm tal-attivitajiet u ġew spjegati xi dettalji. Minn naħa tal-parteċipanti, rringrazzjaw lill-Kunsill ta' din l-opportunita' li ser jagħtihom biex jagħmlu r-rapprezentazzjoni tagħhom barra minn Malta.

## 5.0 Festa f'Kemuna

5.1 Is-Sindku rrefera għall-festa f'Kemuna li ser tiġi organizata mill-qraba tar-residenti bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill Lokali Għajnsielem. Il-Kunsill ser jghin billi jipprovdi s-servizz tal-banda St. Joseph t'Għajnsielem, għall-prezz ta' €900. Sar qbil li l-NGO's tal-lokal ser jiġu kkuntatjati jekk iridux itellgħu stand tagħhom.

## 6.0 Xogħolijiet fil-bajjiet

6.1 Is-Sindku rrefera għad-diversi ħtigijiet li hemm bżonn li jsiru fil-bajjiet.

6.2 Sar qbil li għandna nippreparaw layout għas-signs għax-Xatt l-Aħmar li tkun tikkonsisti f'sign kbira li tinkludi kull avviż meħtieġ.

6.3 Sar qbil li għandu mmedjatament jitranġa t-taraġ tal-Ġardun li huma l-uniku aċċess għall-bajja. Is-Sindku talab stima lill-kuntrattur Omar Fava, iżda din qabżet l-€2000. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dan ix-xogħol bil-ħaddiema tal-Kunsill.

## 7.0 Materji oħra

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jixtri jigger għall-użu tal-ħaddiema tal-id tal-Kunsill

7.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-fatt li l-ħaddiem tal-ETC Frankie Saliba qed ikun mitlub jagħmel xogħol ta' spiss wara l-ħin tax-xogħol. Il-Kunsill qabel li għandu jżommu fuq servizz on-call u li minbarra l-€50 fix-xahar li qed itih biex imur jagħlef l-annimali f'Bethlehem fil-weekends, itih €100 oħra bħala allowance għax-xogholijiet kollha li qed jagħmel wara l-ħin tax-xogħol, b'hekk l-allowance totali tiegħu tkun dik ta' €150 fix-xahar.

7.3 Sar qbil li għandha tinkiteb ittra lil-Għajnsielem FC fejn niġbdulhom l-attenzjoni li t-toilets għandhom jkunu miftuħin għall-pubbliku fil-jiem tal-festa sa' nofs il-lejl. Sar qbil ukoll li jsiru signs fejn jindikaw fejn huma t-toilets. Sar qbil li għandu jigi ċċekjat il-Kuntratt u jekk hemm xi direttivi dwar il-ftuħ u l-għeluq tal-latrina fil-jiem tal-festa.

7.4 Il-Kunsill irrefera għad-design provdut mill-Perit Shawn għac-Centre Strip ta' Garden Street. Id-disinn intlaqa' tajjeb ħafna mill-Kunsill u sar qbil li għandna nikkuntatjaw lill-Perit sabiex jibda jipprepara l-Bill of Quantities biex inkunu nistgħu noħorġu stima għall-pubbliku.

7.5 Ġiet trattata l-kwistjoni tat-tiġrija taż-żwiemel f'Għajnsielem. Sadanittant inqrat l-ittra mingħand resident Daniel Zerafa fejn ġibed l-attenzjoni ta' diversi aspetti u problemi relatati mat-tiġrija taż-żwiemel fi Mgarr Road. Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju għandha ssir laqgħa mal-organizers ta' din it-tigrija u jiġu spjegati lilu xi kundizzjoniet speċjalment dawk tat-tindif ta' wara t-tiġrija.

7.6 Sar qbil ukoll li għandha tinżamm laqgħa mal-pulizija rigward l-għeluq tat-toroq fil-jiem tal-festa.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**